MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1889/2005

**Maltacom Plc**

**vs**

**Polidano Bothers Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Novmbru 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf tmien mija u tlett liri Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1803.26) dovuta in konnessjoni ma' hsarat ikkagonati mis-socjeta konvenuta *f'cables* tas-socjeta attrici fi Triq Rudolph Sliema, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inluz dawk ta'l-ittra ufficjali.

Ra n-nota tas-socjeta attrici prezenata waqt l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Frar 2006 li permezz taghha rriduciet t-

talba ghall-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500).

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b'l-avviz fid-9 ta' dicembru 2005 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------